**15 ta' Ġunju 1965**

**Imħallef:**

**l-Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.**

Aldo Debono et noe

*versus*

Anton Cassar

**Libell — Inġurja — "Fair comment" — buona fede — malfede — "innuendo" —**

*Il-"fair comment" huwa bażat fuq il-veraċità tal-fatti, u m'hemmx aktar loku meta l-fatti jiġu esposti b'mod li jagħtu x'wieħed jaħseb li l-oppost ta' dak li fil-fatt realment kien ġara.*

*Il-ġurnalista jkun f'malafede meta minħabba inġurja jew leġerezza huwa jirrikorri għall-falsità ta' kliem bl-intenzjoni li jħallu mpressjoni nġurjuża f'min jaqrahom.*

*Il-falsità tal-kliem inġurjuż hija preżunta favur il-kwerelant.*

*Jekk kwerelant jindika "innuendo" partikolari, jista' dejjem jirnexxi fil-kwerela tiegħu anki fuq is-sens ordinarju u naturali tal-kliem.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi nomine — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jingħataw il-provvedimenti opportuni —premess illi fil-ħarġa ta' l-Orizzont tat-tmintax ta' Novembru, elf disa' mija u tlieta u sittin il-konvenut bħala Editur tal-istess gazzetta fl-artikolu editorjali taħt it-titolu "Il-Ħaddiema fit-Textile Industries", kiteb artiklu li fih allużjonijiet inġurjużi u disonoranti għal Unions atturi u li joffendu r-reputazzjoni tagħhom u jiddisprezzawhom f'għajnejn il-pubbliku talbu illi l-konvenut ikun kundannat iħallas lill-atturi dik is-somma li tiġi stabbilita minn din il-Qorti skond il-liġi mhux aktar minn £400 għar-rigward ta' kull Union, bl-imgħax legali u bl-ispejjeż b'dawk tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Lulju, 1964;

OMISSIS:

Ikkunsidrat:—

Li l-konvenut qiegħed isostni li l-artikolu inkriminat mhux

libelluż fis-sens tal-liġi, għaliex jikkostitwixxi "a fair comment".

Li l-atturi qegħdin isostnu li l-Unions *minnhom rappreżentati*, magħrufa bħala M.A.S. ġew inġurjati bil-kliem pubblikati fl-artiklu tal-"orizzont" fuq *riferit*, fejn intqal "Union oħra, bla saħħa fil-pajjiż, il-M.A.S. li għandha l-appoġġ u l-barka ta' xi sidien li jridu jesplojtaw il-ħaddiema qiegħda tinteressa ruħha wkoll f'dawn il-ħaddiema."

Li l-kontest kollu tal-artiklu jirrigwarda l-kwistjoni tal-ħaddiema fl-industriji privati, li fiż-żmien li ġie pubblikat kienet afltarx ta ċerta attwalità, u b'mod partikulari kienet in segwitu laħqet ċertu grad ta' notorjetà u ta' aġitazzjoni, li mbagħad ikkulmina fl-istrike magħruf, imħabba l-allegati kondizzjonijiet inġusti tax-xogħol ("Cheap labour") prevalenti fil-Phoenix Textile Factory, tal-Mosta.

Li, irriżulta, li dak iż-żmien li sar l-artikolu in kwistjoni l-*maġġoranza* tal-*impjegati* tal-imsemmija *fabbrika kienu affiljati* mal-Union attriċi, u li wara li ġie pubblikat dak l-artikolu, xi *membri* tal-istess Union bdew jistaqsu kienx veru jew le dak li nkiteb f'dak l-artikolu, oħrajn jiġifieri "a good number" xi ftit wara telqu mill-Union.

Li l-atturi fissru dana l-atteġġjament tal-affiljati tagħhom, billi huma ma setgħux jagħtuhom spjegazzjoni konvinċenti dwar l-allegazzjonijiet kontenuti fl-imsemmi artikolu, u għalhekk fid-dubju, ħafna minnhom ippreferew jitilqu mill-Union, għaliex loġikament kienu jaħsbu jew jissospettaw li huma qiegħdin jiġu *traditi* f'dawk li huma l-aspirazzjonijiet tagħhom bħala ħaddiema, u f'dik li hija l-iskop tal-Union, imwaqqfa apposta biex tipproteġi l-interessi tal-ħaddiema u mhux dawk ta' xi sidien li jridu jisfruttawhom.

L-inġurja mbagħad biex ikollha "the sting of the libel" trid tiġi konfrontata mal-kompless taċ-ċirkustanzi li fuqhom tinfluwixxi b'mod determinanti, għal dak li wieħed jista' ordinarjament jifhem mill-kliem kwerelati.

Li m'hemmx dubju li "a fair minded man" meta jaqra l-artikolu inkriminat u jiġi biex jifforma idea tal-operat tal-M.A.S. f'dina l-kontroversja bejn il-ħaddiema u l-proprjetarji" tal-industriji privati, issib li mentri l-General Workers Union qiegħda taqbeż għad-drittijiet tal-ħaddiema kontra l-allegat sfruttament tal-industrijalisti, il-M.A.S. mhux biss mhix qiegħda tagħmel dana, imma qiegħda tittradixxi jew tinjora d-drittijiet tal-ħaddiema billi qiegħda tiġi animata u immexxija bl-appoġġ u l-barka ta' xi sidien li jridu jesplojtaw lil ħaddiema.

Li hawn mhux il-każ li nitkellmu fuq komment esaġerat, li anki jekk ta' ċerta grossolanità ("gross) ma jneħħix, għalhekk biss, id-difiża tal-"fair comment". Iżda meta dak il-komment jissorpassa l-limiti ta' kritika ġusta, allura l-kliem isiru libellużi (Kollez. XXXVII, iv, 1167).

Li l-konvenut anqas ma pprova jagħti ġustifikazzjoni ta' dak li huwa kiteb a detriment tal-atturi, u jrid jippuntella biss id-difiża tiegħu fuq il-"fair comment".

Li, hawn huwa opportun li dina l-Qorti ma tonqosx li tirrileva li f'materja ta' reati ta' stampa, biex wieħed jiġi esonerat mir-responsabilità ta' dak li jiġi riportat ġo ġurnal, għandu jipprova li huwa qal il-fatti li kienu sewwa, imbagħad iħalli l-qarrej jiġġudika. Iżda jekk tiġi taċiuta jew omessa xi ċirkustanza fondamentali, il-qarrej ma jistax jifforma konċett ġust tal-fatti allegati.

Li l-konvenut *illimita ruħu jxandar l-insinwazzjoni li l-*

atturi qiegħdin jippreġudikaw l-interessi tal-ħaddiema b'vantaġġ tas-sidien tal-industriji, u ma qal xejn dwar il-fatt depost mill-attriċi Josephine Muscat (fol. 14) li f'dak iż-żmien li sar l-artikolu, rappreżentanti tal-M.A.S. kienu ltaqgħu mal-Management tal-Phoenix Textile Factory, u insistew għall-miljorament tal-pagi u ta' kondizzjonijiet ta' xogħol, li fil-fatt irriżulta li ġew miljorati.

Li, il-konvenut ma rnexxilux jipprova l-invers ta' dina xhieda, u għalhekk il-Qorti neċessarjament għandha tinferixxi, li l-konvenut meta kiteb il-kliem inkriminati, ma kienx in "buona fede".

Li l-"fair comment" huwa bażat fuq il-veraċità tal-fatti, u ma hemmx aktar loku meta l-fatti jiġu esposti b'mod li jagħti x'wieħed jaħseb l-oppost ta' dak li fil-fatt realment kien u ġara (*Sent* P.A. "Onor. Dr Anton Buttigieg vs Anthony Moncanaro noe" deċiża fil-15 ta' Diċembru, 1964). Huwa biżżejjed magħruf il-prinċipju b-"a comment cannot be fair which is built on facts which are not truly stated" (In re: "Jaynt vs Cycle Trade Publishing Co. (1904) 2, K.B. 292, p. 262), għaliex jonqos fihom l-element tal-"bona fede" (Kollez. XXXVI iv, 843).

Li, il-"bona fide" tal-ġurnalist hija derivat ta' diversi ċirkustanzi, fosthom dik li juri bil-fatt minnu allegati huwa l-prodott ta' indaġnijiet li huwa kien għamel biex jappura l-verità, qabel ma jxandar il-kumment fuq l-istampa. Mentri l-malafede "hija r-riżultat tal-inġurja jew leġġerezza użati mill-kittieb meta huwa jirrikorri għall-falsità tal-kliem bl-intenzjoni li jħallu impressjoni inġurjuża f'min jaqrahom (Kollez. XXXV, ii, 463, 732). Kien għalhekk li l-Qorti tagħna akkoljew dawna l-prinċipji f'dina l-materja.

1) Li l-falsità tal-kliem inġurjuż hija preżunta favur il-

kwerelanti (App. Krim. "Pulizija vs Scerri" deċiża fis-16 ta' Diċembru 1946) u

2) Li, jekk il-kwerelant jindika "innuendo" partikolari jista' dejjem jirnexxi fil-kwerela tiegħu anki fuq is-sens ordinarju u naturali tal-kliem (Kollez. XXVII, iv, 1206).

Li mhux barra minn loku li jiġi osservat, li bl-artikolu inkriminat il-konvenut ried jagħti ad intendere lill-qarrej li l-monopolju tad-difiża tal-interessi tal-ħaddiema kontra l-isfruttament tas-sidien tal-industriji, jirrisjedi fil-General Workers Union, u li l-M.A.S. hija Union bla saħħa fil-pajjiż. Sa hawn wieħed ma kienx jista' jsib xejn dwar dina l-allegazzjoni, għaliex min jiġġudika jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma dak il-kumment. Li, però, in-natura tal-kumment ma tibqax inattakkabbli, meta l-latitudini mogħtija lill-kittieb issir inkompatibbli mal-libertà li jistħoqqilha l-istampa, u li wieħed japprofitta minnha biex joffendi ċ-ċittadin, b'mod partikolari, meta mill-paragun taż-żewġ unions il-konvenut ried jasal għall-insinwazzjoni tal-fatt li mentri l-General Workers Union taqbeż għad-drittijiet tal-ħaddiem, il-M.A.S qiegħda tittradixxi l-ħaddiem favur is-sidien.

Li, inoltri l-Qorti tosserva li s-sentenza ċitata mill-konvenut, deċiża fl-4 ta' Marzu, 1965 mill-Qorti Kriminali tal-Maestà tar-Reġina, fis-Sedi tal-Appell, in re "Il-Pulizija vs Robert Desmond Quinn et" mhix applikabbli għall-każ.

Ikkunsidrat:—

Li l-atturi rnexxielhom, għalhekk, jippruvaw li l-kliem fuq riferiti fl-artikolu inkriminat huma falsi u ngurjużi fis-sens li trid il-liġi, għaliex il-konvenut ma rnexxilux fid-difiża tal-"fair comment" iġib xi prova jew ġustifikazzjoni biex isostni l-veraċità tal-kliem inġurjużi, li setgħu jiġu pubblikati fl-

imsemmi ġurnal bħala kumment ġust ta' dak li realment sar u ġara, mentri l-atturi *mexxilhom* jippruvaw mhux biss li b'dawk il-kliem inġurjużi, il-M.A.S. minnhom rappreżentata sofriet l-effetti tal-isfiduċja ta' xi membri tagħha, iżda ġiet konfrontata bl-insinwazzjoni gravi, li hija qiegħda taġixxi bil-kompliċità ta' xi sidien sfruttaturi tal-ħaddiema, kontra l-interess tal-istess affiljati. *Dina d-distinzjoni* hekk dettaljata taggrava l-inġurja "Everything in the defamatory publication which adds weight to the imputation, is material" (Clark and Lindsell "Law of Torts", 10th Edit., p. 725).

Li fl-aħħarnett, il-Qorti tħoss li għandha tirrileva li anqas ma jista' jingħad li huwa espressjoni ta' ġurnalista serju u obbjettiv, li jakkuża pubblikament ċerti industrijalisti bħala sfruttaturi tal-ħaddiem, meta akkuża simili tista' tirrifletti fuq il-klassi, in *ġenerali*, *tal-industrijalisti* tagħna, li qegħdin jagħmlu ħilithom, illum aktar mill-bieraħ, biex jimlew il-vojt ta' disokkupazzjoni inevitabbli, u jagħtu lill-pajjiż sens ta' affidament u ta' progress, permezz ta' ħidma u ta' sagrifiċċji, biex l-ekonomija nazzjonali ma tibqax f'kollox u għal dejjem marbuta mal-interessi u mal-ispekulazzjoni tal-industrija barranija.

Ikkunsidrat:—

Li, a rigward tal-penali li għandha tiġi komminata lill-konvenut, f'dana l-każ, il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni, barra l-gravità ta' inġurja, iċ-ċirkustanza li bħala effett tal-istess inġurja numru rilevanti ta' membri li kienu impjegati fl-imsemmija fabbrika telqu mill-M.A.S. b'riżultati finanzjarji sfavorevoli għall-istess Unions.

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-atturi nomine u tikkun-

danna lill-konvenut iħallas lil kull waħda mill-Unions attriċi s-somma ta' ħamsa u għoxrin lira (£25), bħala riparazzjoni tal-inġurja magħmula għad-dannu tagħhom bl-istess pubblikazzjoni. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.